MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' April, 2012

Avviz Numru. 79/2012

**Fl-atti tal-ittra ufficjali nru (mhux maghruf) fl-ismijiet**

**Silvio Brincat**

**Vs**

**Silvio Spiteri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti Silvio Spiteri (17071M) wara li ppremetta illi l-intimat Silvio Brincat permezz ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Jannar 2012, liema ittra giet notifikata lir-rikorrenti fit-8 ta' Frar 2012, qieghed jipprova jirrendi ezegwibbli tletin kambjala ghas-somma komplessiva ta' tlett elef tlett mija u tmien Ewro (€3,808);

Illi l-ittra ufficjali kif intavolata hija nulla u dana stante illi ghalkemm l-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 fil-proviso tieghu

jghid illi id-debitur ghandu, fl-ittra ufficjali u taht piena ta' nullita, jigi avzat bid-dritt moghti lilu minn dan il-proviso, u cjoe illi d-debitur ghandu dritt jopponi l-ezekuzzjoni ta' kambjala *'permezz ta' rikors intavolat minnu, liema rikors ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum min-notifika tal-ittra ufficjali li tintbaghat lilu biex tirrendi l-istess kambjala ezegwibbli minhabba illi l-firma fuq il-kambjala ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet gravi u validi biex topponi l-ezekuzzjoni'*, fl-ittra de quo.

(i) taht l-isem u l-indirizz tar-rikorrenti ma jissemmix illi l-oppozizzjoni ta' l-ezekuzzjoni ghandha ssir permezz ta' rikors; u
(ii) Fl-ahhar paragrafu ta' l-ittra ufficjali r-rikorrenti gie intimat bis-segwenti:

'Jekk ma taghtix twegiba fi zmien ghoxrin (20) jum minn meta tigu notifikati b'din l-ittra ufficjali billi tipprezenta **NOTA** fl-atti taghha **illi fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi iffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur/l-istess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali**, din l-ittra ufficajli tkun tikkonstitwixxi titolu ezekuttiv kontra tieghek'.

Liema avviz ma jirrizulta imkien fil-proviso ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 izda huwa l-avviz rikjest mil-ligi f'kaz ta' ittra ufficjali maghmula taht l-Artiklu 166A li tikkoncerna djun certi likwidi u dovuti u mhux kambjali;

Illi in inoltre fl-ittra ufficjali su-indikata, ghalkemm u jinghad illi dawn it-tletin kambjala immaturaw, l-intimat naqas milli jispecifika meta immaturaw, u fil-fatt minn ezami ta' l-istess kambjali annessi ma' l-ittra ufficjali jirrizulta illi dawn immaturaw bejn it-28 ta' Frar 1999 u t-28 ta' Lulju 2001. Il-kambjali in kwistjoni huma ghaldaqsant preskritti ai termini ta' l-Artikoli 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 542 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant in vista ta' dan fuq premess ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

tissospendi l-ezekuzzjoni tat-tletin kambjala su-riferiti minghajr garanzija, u dana peress illi jezistu ragunijiet gravi u validi sabiex tigi opposta l-esekuzzjoni ta' dawn l-istess kambjali,u dan taht dawk il-provedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet Taghha precedenti moghti fis-27 ta' Frar 2012 (fol 3 tal-istess atti).

Rat ir-risposta tal-intimat (a fol 8 ibid) u li biha espona bir-rispett:

i. Illi l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi gietipprezentata wara diversi attentati sabiex l-imsemmija Silvio Spiteri (ID 17071M) jasal sabiex jhallas l-ammont dovut.

ii. Illi dan huwa kaz tipiku fejn l-imsemmi Silvio Spiteri qieghed jaghmel minn kollox sabiex ma jhallas u ma jonorax il-kambjali li gew iffirmati minnu.

iii. Illi barra minn hekk l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija m'hiex nulla *stante* li jidher car fit-twissija tal-istess ittra u cjoe' "Ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi l-mittenti jaghrfuk li skond l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandek dritt fi zmien ghoxrin (20) gurnata tan-notifika ta' dan l-att gudizzjarju, topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali u l-iskrittura jekk inti ssostni illi l-firma fuqha ma tkunx tieghek jew fejn tressaq ragunijiet gravi u validi biex topponi din l-ezekuzzjoni'.

iv. Illi l-fatt li barra it-twissija hemm wkoll indikat sabiex twissija addizzjonali li 'Jekk ma taghtix twegiba fi zmien ghoxrin (20) jum minn meta tigu notifikati b'din l-ittra ufficjali billi tipprezenta nota fl-atti taghha li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur/i stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, din l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv kontra tieghek", hija biss twissija addizzjonali u bl-ebda mod ma tirrendi l-ittra ufficjali nulla *stanti* li ghal l-esponenti setgha ma kitibx dina t-twissija addizzjonali *stante* li diga' kien hemm it-twissija hawn fuq indikata taht premess numri iii.

v. Illi infatti l-unika oggezzjoni setgha jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjala l-huwa jekk il-firma ta' fuq l-

istess kambjali ma tkunx tieghu u li jitressqu ragunijiet gravi u validi sabiex tigi oppposta l-validita' tal-kambjala li certament ma hux il-kaz.

vi. Illi l-kambjala hija regolata a termini ta' Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghaldaqstant kull eccezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini ta' Aritkolu 2156(f) tal-Kodici Civili hija rrelevanti f'dan il-kaz stante li hemm il-Ligi Specjali li tirregola in-natura ta' din it-transazzjoni kummercjali.

Ghaldaqstnat, l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex a termini ta' Artikolu 253 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dawna t-tlettin (30) kambjala li gew pprezentai fl-atti ta' l-ittra fl-ismijiet premessi jigu rezi ezekuttivi taht dawk il-provedimenti li dina l-Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti Silvio Spiteri.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, qabel xejn ser jsir rassunt tal-provi prodotti mill-partijiet cjoe:

a) <u>Ir-rikorrenti</u> xehed li kellu post sabiex jigi rrangat u peress li kien ilu jaf lill-intimat hu tah l-inkarigu ta' dan ix-xoghol konsistenti fi tikhil u tqeghid ta' madum u l-materjal mehtieg. Dwar dan kien sar ftehim fuq il-prezz li kien madwar Lm3,000. Waqt li kien qed jesegwixxi l-istess xoghol, li sar madwar ghaxar snin ilu, hu kien jhallas lill-intimat u filfatt, l-ammont kollu dovut kien thallas minnu. Pero wara li sar il-hlas a saldu, ir-rikorrenti jsostni li l-intimat kien qallu '… illi ma kienx bizzejjed dak li hallastu' u l-intimat kien gie ghandu '… b'mazz karti' u hu kien iffirmahom ghax '… kont imfixkel'. Ir-rikorrenti ma kienx jaf, skond hu x'kien qed jirrifma anzi kien sar jaf, <u>wara</u>, li kienu l-kambjalijiet in esami, dejjem skond ir-rikorrenti,

madwar xahar u nofs qabel ma xehed, waqt li kien imsiefer, kien sar jaf, permezz ta' martu u meta gie lura Malta, x'kienu dawn il-karti' li kien iffirma snin ilu. Hu ggustifika dan billi qal li ma jafx jaqra u ghalhekk '… ma kontx naf' x'inhuma' u inoltre l-intimat ma kienx spjegahhomlu. Wara li kien iffirmahom, l-intimat qatt ma kien avvicinah, b'xi mod ghall-pagament, sa madwar xahar u nofs qabel, ma di gja qal. In kontroesami, hu biddel xi ftit dak li kien gja xehed billi qal illi meta iffirma '… l-ewwel 'batch' ta' karti kien qalli l-intimat li jiena kelli naghtih xi flus ….' (ara ukoll ix-xhieda ta' Lorraine Spiteri mart ir-rikorrenti).

b) Da parti tieghu, l-intimat spjega li l-ammont specifikat fil-kambjalijiet kien dovut ghal xoghol addizzjonali kif spjegat fl-istess xhieda. Filfatt, meta kien talbu pagament ghal dan ix-xoghol tal-ahhar, ir-rikorrenti kien qallu '… stenna ftit' u minflok l-istess rikorrenti kien accetta li jiffirma l-kambjalijiet li kopja taghhom hi annessa mal-istess atti. Meta l-istess kambjalijiet kienu skadew u mmaturaw, hu kien diversi drabi u ta' sikwit talbu l-pagament, bl-ahhar okkazjoni tkun madwar erba' xhur u nofs qabel ma xehed, fl'liema okkazjoni ir-rikorrenti kien qallu li ma setax jhallas ghax '… ghadni minix qed nahdem'. L-intimat spjega li hu kien qed '… nissaportih peress li kien habib tieghi u dejjem kien jghidli … li mhux qed jahdem u li meta jkollu x-xoghol naghtihomlok' ossija '… jiena hennejt ghalih u kien habib tieghi'.

c) Jigi rilevat illi l-ittra ufficjali in ezami ma nstabitx fir-Registru tal-Qorti izda 'in atti' tinsab esebita kopja taghha. Minn dawn l-atti, jigi notat illi f'zewg partijiet taghha, jinsab l-hekk imsejjah 'avviz' li fih id-debitur hu mwissi li jekk f'zmien ghoxrin (20) jum, ma jopponix dak imnizzel fl-ittra ufficjali din issir titolu esekuttiv. Dwar kif ghandha ssir din it-twegiba in opposizzjoni, fl-ewwel wahda ma hemmx imnizzel liema att gudizzjarju hu rikjest sabiex l-istess opposizzjoni tkun tista' issir skond il-ligi, waqt li fit-tieni wahda hemm specifikat' nota.

Illi l-artikolu li jirregola dan il-kaz jispecifika ossija l-artikolu 253(e) jghid illi l-Qorti kompetenti tista' tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjalijiet jew' in toto' jew 'in parte' permezz ta' rikors presentat fi zmien ghoxrin (20) jum

minn-notifika tal-ittra ufficjali. Inoltre l-istess artikolu jghid li l-istess ittra ufficjali, taht piena ta' nullita, tavza lid-debitur bid-dritt moghti lilu taht dak premess dwar opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-istess kambjalijiet. Fl-ittra ufficjali in esami hu minnu li, fiha u kif di gja inghad, hemm imnizzel , erroneament, li tali opposizzjoni tista' issir b'nota u mhix permezz ta' rikors. Kieku filfatt, kienet giet intavolata nota din kienet tirrisulta fin-nullita' tal-ittra ufficjali. Izda f'dan il-kaz giet segwita l-procedura korretta u ghalhekk, fuq dan il-punt l-ittra ufficjali hi valida. Inoltre l-avviz rikjest mill-ligi, filfatt, jinsab in-naha ta' fuq tal-istess ittra ufficjali. Hu minnu li fl-istess avviz ma hemmx imnizzel li l-opposizzjoni, ghall-esekuzzjoni trid issir b'rikors. Izda, fil-fatt u cjoenonostante,il-procedura korretta giet segwita u ghalhekk fuq dan il-punt, ma jistax jinghad li dan il-kaz hu wiehed ta' nullita tal-ittra ufficjali kif maghmula.

Ir-rikorrenti ssottometta ukoll illi hemm involuta l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u l-artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc. Jkun opportun, illi, mal-ewwel issir referenza ghall-artiklu citat tal-Kodici tal-Kummerc kif ukoll dak precedenti li jghid u illi z-zmienijiet stabbiliti ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet, taht l-istess Kodici huma <u>perentorji</u>. Dan jfisser li t-termini ta' preskrizzjoni specifikati fl-istess Kodici ma humiex soggetti ghal interuzzjoni bil-mezzi indikati fl-Kodici Civili u lanqas soggetti ghal xi sospensjoni. Fil-kaz in desamina, id-dati ta' maturita' tal-kambjalijiet in esami jmorru mit-<u>28 ta' April 1999 sat-28 ta' Gunju 2001</u> u b'hekk, jekk wiehed jikkonsidra l-ahhar data ta' maturita', il-perjodu stabbilit fl-artikolu 542 ibid skada fit-28 ta' Gunju 2006 ossija fit-trapass ta' hames (5) snin minn meta l-ahhar kambjala ghalqet.

Wara li jigi rilevat li jidher li hu minnu li l-intimat ittratta lir-rikorrenti bhala habib tieghu li kien dejjem jipprometti li jsir il-pagament, dan ma jistax jigi konsiderat bhala rikonoxximent ta' debitu li jinterrompi t-trapass tal-perjodu ta' preskrizjoni 'in materia' hu wiehed perentorju u ta' dekadenza. Ghalhekk jirrisulta li l-ittra ufficjali giet presentata ferm wara li skada l-istess terminu.

Illi dan li ghadu kif inghad, fil-fehma tal-Qorti jammonta ghal raguni gravi u valida biex ir-rikorrenti jopponi l-esekuzzjoni tal-kambjalijiet x'intendi fuq bazi prettament ta' ligi u mhix ta' gustizzja, ghal ragunijiet evidenti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta mill-istess rikors u tissospendi l-esekuzzjoni tat-tletin (30) kambjala in esami dejjem soggetta ghad-dritt tal-intimat li jipprocedi b'kawza skond il-Kodici tal-Kummerc, jekk possibbli.

In rigwarad l-ispejjes ta' din il-procedura, fic-cirkostanzi hemm fuq esposti, dawn ghandhom jithallsu kollha kemm huma, mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------